31999D0872

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-17 ta' Diċembru 1999
li taħtar tmien membri tal-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej

(1999/872/KE, KEFA, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 247(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u b'mod partikolari l-Artikolu 45(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 160b(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Opinjonijiet tal-Parlament Ewropew [1],

(1) Billi l-mandati tas-Sur Patrick Everard, is-Sur Jørgen Mohr, is-Sur Antoni Castells, is-Sur Barry Desmond, is-Sur Giorgio Clemente, is-Sur Armindo de Jesus de Sousa Ribeiro, is-Sur Aunus Salmi u s-Sur Jan O. Karlsson jiskadu fid-9 ta' Frar 2000;

(2) Billi ħatriet ġodda għandhom għallhekk isiru,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma hawnhekk maħtura membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2000 sat-28 ta' Frar 2006 inklużi:

— Is-Sur Robert Reynders

— Is-Sur Jørgen Mohr

— Is-Sur Juan Manuel Fabra Valles

— Is-Sinjura Màire Geoghegan-Quinn

— Is-Sur Giorgio Clemente

— Is-Sur Vítor Manuel da Silva Caldeira

— Is-Sur Aunus Salmi

— Is-Sur Jan O. Karlsson.

Artikolu 2

Din id- Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fil-Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

K. HEMILÄ

[1] Opinjonijiet mogħtija fis-16 ta' Diċembru 1999 (għadhom mhux ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali).